MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Numru 251/2004

**Il-Pulizija
(Spt. Joseph Cordina)
vs
Cristinu Muscat**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Cristinu Muscat** ta' 54 sena, bin il-mejjet Gaetano u Paola nee' Gauci, mwieled Dingli nhar it-8 ta' Marzu, 1949, residenti f' 'Neville Flats' Flt 1, Triq Santa Marija, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 271049(M);

Talli fid-19 ta' Marzu, 2002 u fil-granet ta' qabel u dawk ta' wara f'Haz-Zebbug u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' aktar minn sittin elf lira Maltin [Lm60,000] b'qerq bi hsara ta' ***Iklin Ltd*** (MFSA Reg. C13432) u diversi persuni ohra *bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

2. minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghek, approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma li teccedi is-sittin elf lira Maltin [Lm60,000] ghad-detriment ta' ***Iklin Ltd*** (MFSA Reg. C13432) u persuni ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsenjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan *bi ksur ta' l-Artikolu 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

3. ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe' fl-atti redatti min-Nutar Mark Anthony Sammut datati 19 ta' Marzu, 2002 billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. kif ukoll talli ghamilt xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz, dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfligi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Cristinu Muscat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontamplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat registrata minnu wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha;
Ghalhekk l-akkuzi kontra l-imputat jirrizultaw pruvati;

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 183, 184 u 188 Kap 9;

Dwar il-piena:-

Semghet ukoll lill-parte civile li ddikjarat li wara transazzjoni bejn il-partijiet, il-parte civile ma kellhiex aktar pretenzjonijiet kontra l-imputat;

Semghet ukoll is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar il-piena. F'dawk is-sottomissjonijiet kienu allegati hwejjeg li mhumiex registrati in atti u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghhom;

Peress illi piena karcerarja mhix addattata f'dan il-kaz, tenut kont tal-fedina penali nadifa, tal-ammissjoni tal-imputat u tal-fatt li ssalda d-debitu tieghu mal-kwerelanti, l-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------